# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 145/98mm**

**Norman Martin**

**vs**

**Nash Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fid-29 ta' Jannar 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallsu ammont li ghad irid jigi likwidat in linea tan-nuqqas ta' pagament ta' *overtime* dovuta mill-istess socjeta' intimata lill-attur mill-ewwel (1) ta' Mejju 1996 sal-20 ta' Ottubru 1997 waqt li kien impjegat mad-ditta intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni. Ghal fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix Lm1,000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

Il-pretenzjonijiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-partijiet kienu ftiehmu illi l-ammont ta' hlas ta' paga li sar lill-attur kien ikopri l-hinijiet zejda li kien jahdem.

Minghajr pregudizzju, l-konvenuti ma ghandhomx ibatu spejjez ta' din l-istanza state illi l-attur messu agixxa tramite d-Dipartiment tax-Xoghol bil-procedura appozita minghajr spejjez zejda.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet f'din il-kawza hija dwar il-hlas ta' *overtime* u hdud illi hadem l-attur meta kien impjegat mas-socjeta' konvenuta. Jidher illi l-attur kien impjegat f'1996 u spicca f'dan l-impjieg f'Ottubru 1997.

L-attur ighid fix-xhieda tieghu li giet miftiehma mas-socjeta' konvenuta rata ta' paga. Fost il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg kien hemm illi jahdem il-gimgha kollha nkluz il-Hadd u jiehu gurnata *off* fil-gimgha. L-attur ighid li diskors fuq *overtime* ma sarx. Kien jahdem fid-dipartiment tal-*maintenance* tal-lukanda Forum Hotel. A fol 21 ighid li l-*overtime* kien jithallas bir-rata ta' lira u

hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25c)  u aktar tard fl-1997 bir-rata ta' lira u hamsin centezmi (Lm1.50c). A fol 41 tal-process l-attur esebixxa prospett fejn iggustifika t-talba tieghu liema prospett igib ic-cifra ta' sebgha mija u wiehed u sittin lira (Lm761).

Ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta Caroll Burgess a fol 28 jispjega illi r-rata li giet miftiehma ma' l-attur kienet ta' paga bazika ta' mitejn u hamsin lira fix-xahar (Lm250). Flimkien ma' din il-paga l-attur kien qed jithallas ukoll *allowance*  ta' erbghin lira fix-xahar (Lm40) li jkopri x-xoghol illi jaghmel il-hdud plus li kien intitolat ukoll ghal tmienja u tletin gurnata *leave.* Burgess jikkonferma li l-attur ghamel xi xoghol iehor li jista jitqies bhala *overtime* u dana kien jithallas b'*part time rates.* Burgess spjega illi meta kien hemm bzonn ta' *part time* l-kumpanija kienet tippreferixxi li x-xoghol isir mill-impjegati taghha minflok ma ddahhal nies minn barra*.* Peress illi dawn in-nies kienet ser thallashom bir-rata ta' *part time* allura lill-impjegati taghha offriet din ir-rata. Burgess spjega wkoll illi f'1996 l-attur hadem 12-il hadd u mija u sebgha sighat (107) *overtime* bir-rata ta' lira u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm1.25c) mentri l-1997 l-attur hadem 13-il hadd u ghamel tlett mija u tmienja  u hamsin siegha *overtime* bir-rata ta' lira u hamsin centezmi (Lm1.50c).

L-aktar dokument importanti fuq xhiex il-Qorti tista tibbaza l-konkluzzjonijiet taghha huwa l-prospett li esebixxa l-attur bil-firma tieghu a fol 41 tal-process. Il-Qorti tosserva illi dan il-prospett fih certa inezattezzi. Jibda biex jinghad li l-attur iddeskriva l-*basic salary* tieghu fl-ammont ta' mitejn u disghin

lira (Lm290). Dawn il-mitejn u disghin lira (Lm290) jinkludu l-erbghin lira *overtime* (Lm40) li kien jithallas kull xahar, quindi l-basi fuq xhiex beda l-kalkoli tieghu huwa wiehed zbaljat peress illi l-*basic salary* irid ikun ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) u mhux mitejn u disghin lira (Lm290). Dana jgib rata ta' lira u tlieta u erbghin centezmu fis-siegha (Lm1.43c) u mhux lira u sebgha u sittin centezmu (Lm1.67c) fis-siegha kif ghamel l-attur. Ghalhekk il-premessa li beda biha hija zbaljata u l-konkluzzjonijiet kollha li wasal ghalihom huma wkoll zbaljati.

Abbazi ta' l-informazzjoni moghtija f'dan il-prospett a fol 41 il-Qorti hadmet ir-rati li jidhrilha opportuni bl-istess sistema illi wza l-attur, ghalhekk l-ewwel parti tax-xoghol tieghu li jkopri s-sena 1996 irrizultalha illi l-attur kellu jiehu mija u tlieta u tmenin lira u wiehed u tletin centezmi (Lm183.31c) bhala *overtime*, pero' trid titqies illi l-attur kien qed jithallas erbghin lira (Lm40) kull xahar *allowance* u dana jgib erba mija u tmenin lira (Lm480) illi jmorru oltre l-ammont illi qieghed jippretendi l-attur. Ma jistax l-attur jippretendi illi jahdem l-*overtime rate* fuq is-salarju flimkien ma' l-*allowance* ghax l-*allowance* kien qieghed hemmhekk proprju biex ikopri l-*overtime rate* u b'hekk skond il-kalkoli illi ghamel l-attur kien ser jithallas darbtejn.

Ghas-sena 1997 hemm kalkoli hziena wkoll peress illi l-*basic salary* tieghu ma kienx tlett mija u tminn liri (Lm308) izda mitejn tmienja u sittin (Lm268). Il-Qorti tirrileva ukoll illi fil-hames linja hemm kalkoli zbaljati. Meta l-Qorti wzat l-istess cifri illi wza l-attur, il-konkluzzjoni hi illi l-ammont ma jigix tlett mija u tnejn u ghoxrin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm322.56c) izda mitejn

u hmistax-il lira u erbgha centezmi (Lm215.04c). Dana pero' huwa zbaljat peress illi l-premessa li beda biha hija zbaljata, ghalhekk il-Qorti hadmet dawn ir-rati bil-*basic salary* ta' mitejn u tmienja u sittin lira (Lm268). Dana jwassal ghal overtime ta' tmienja u tletin lira u erbgha centezmi (Lm38.04c) u xoghol il-hdud ta' mija u tlieta u sebghin lira u sittin centezmi (Lm173.60c) b'total ghal mitejn u tnax-il lira (Lm212). Dik is-sena pero' l-attur thallas erbghin lira kull xahar (Lm40) bhala *allowance* sa Ottubru 1997 li jgibu ammont ta' erba mitt lira (Lm400). Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti jidhrilha illi l-*allowance* li thallas l-attur bhala *flat rate* ta' erbghin lira fix-xahar (Lm40) imur oltre l-ammont ta' overtime u hdud illi ppretenda li kien intitolat ghalihom skond ir-rati illi kkwota hu. Ghal kull buon fini, l-Qorti qieghdha tannetti ma' din is-sentenza prospett mahdum minnha fuq cifri provduti mill-istess attur fil-prospett esibit minnu a fol 41 u wzat ukoll l-istess sistema mahduma minnu, pero' fuq bazi ta' salarju differenti kif jidher mill-istess prospett. Hawn hekk jirrizulta li meta wiehed iqis l-allowance li ha l-attur matul iz-zmien illi kien impjegat mas-socjeta' konvenuta, allura jirrizulta illi dana ha ferm iktar milli kien qed jippretendi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit

Dep Reg

Annex: A

1996 overtime 117hrs vide fol 23
Basic Salary Lm250 or Lm1.44 per hour
overtime paid with fixed rate of Lm1.25/hr
overtime worked 117hrs
117x (Lm1.44 - Lm1.25) x1.5hrs = Lm33.34
Sundays worked 13 x 8hrs = 104hrs
104 x Lm1.44 = Lm149.76
Overtime Lm 33.34
Sundays Lm149.76 Lm40 allowance p.m. = Lm480
-------------
Lm183.31

1997 Overtime 512hrs
Basic Salary Lm268 or Lm1.55 per hour
Overtime paid with a fixed rate of Lm1.50 per hour
Overtime worked 512
512x (Lm1.55 - Lm1.50) x 1.5hrs = Lm38.40
Sundays worked 14 x 8hrs 112hrs
112hrs x Lm1.55 = Lm173.60

Overtime Lm 38.40
Sundays Lm173.60 Lm40 allowance p. m. up to October = Lm400
-------------
Lm 212

| | |
|---|---|
| For year 1996 Lm 180.31 | Allowances 1996 Lm480 |
| For year 1997 Lm 212 | Allowances 1997 Lm400 |
| -------------- | --------- |
| Lm392.31 | Lm880 |